MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1142/2004

**Elmo Insurance Limited bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Raymond Buhagiar**

**Vs**

**Salvatore Mifsud**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ Lm461.91c (erba’ mija u wiehed u sittin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f’incident tat-traffiku li sehh fit-22 ta’ Jannar, 2004 f’Tas-Sliema bejn vettura LCI 078 misjuqa minn Roberta Buhagiar u vettura ACE 006 misjuqa mill-konvenut Salvatore Mifsud.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm461.91c (erba' mija u wiehed u sittin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------